# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2010/C 287/04)

**Għajnuna Nru:** XA 134/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Asociación de caballos de pura raza española

**Bażi legali:** Resolución de … 2010, de la Consellera de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se concede una subvención nominativa a la Asociación de caballos de pura raza española (APREA)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 30 000 matul l-2010.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit tal-internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** matul is-sena 2010,

**Għan tal-għajnuna:**

It-twettiq tal-Pjan li jippromwovi t-tixrid taż-żiemel tar-razza pura prodott fil-Comunitat Valenciana (l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006):

(a) edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa u l-ħaddiema tagħhom:

(i) l-ispejjeż biex jiġi organizzat il-programm ta' taħriġ,

(ii) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar/tas-sussistenza għall-parteċipanti,

(b) l-organizzazzjoni ta' u l-parteċipazzjoni f'diskuzzjonijiet ta' skambju tat-tagħrif bejn l-intrapriżi, kompetizzjonijiet, wirjiet u fieri:

(i) id-drittijiet għall-parteċipazzjoni,

(ii) spejjeż tal-ivjaġġar,

(iii) spejjeż ta' pubblikazzjonijiet,

(iv) kiri tal-postijiet għall-wirjiet,

(v) premjijiet simboliċi li jingħataw għall-kompetizzjonijiet, ta' valur massimu ta' EUR 250 għal kull premju u għal kull rebbieħ;

(c) servizzi ta' konsultazzjoni provduti minn partijiet terzi: il-ħlasijiet għas-servizzi li ma jikkostitwux attività kontinwa jew perjodika, u li mhumiex marbutin mal-ispejjeż operazzjonali normali tal-intrapriża, bħas-servizzi ta' konsulenza fiskali, is-servizzi legali perjodiċi jew ir-reklamar.

(d) dejjem jekk ma jissemmewx ismijiet ta' intrapriżi, marki u oriġini:

(i) tixrid ta' għarfien xjentifiku,

(ii) tagħrif fattwali dwar sistemi ta' kwalità miftuħin għall-prodotti ta' pajjiżi oħra, dwar prodotti ġeneriċi u dwar il-benefiċċji nutrizzjonali u r-rakkomandazzjonijiet għall-użu ta' dawn il-prodotti ġeneriċi.

L-għajnuna tista' tingħata wkoll sabiex tkopri l-ispejjeż indikati fl-ittra c) marbutin ma' prodotti regolati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (16) u l-Artikoli 54 sa 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 (17) fejn hemm indikat l-oriġini, dejjem jekk ir-referenzi tal-oriġini jkunu jikkorrispondu eżatt ma' dawk irreġistrati mill-Komunità;

(e) pubblikazzjonijiet, li jinkludu katalgi jew siti tal-internet li jippreżentaw tagħrif fattwali dwar produtturi minn reġjun partikolari jew produtturi ta' prodott partikolari, sakemm it-tagħrif u l-preżentazzjoni jkunu newtrali u l-produtturi kollha kkonċernati jingħataw l-istess opportunità li jkunu rappreżentati fil-pubblikazzjoni.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-sidien taż-żwiemel ta' razza pura Spanjola u dawk li jrabbuhom.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:** Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación.

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/aprea2010.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 135/10

**Stati Membri:** Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Zasavska region

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Podpore programom razvoja podeželja v občini Hrastnik 2011–2013

**Bażi legali:** Pravilnik o dodeljevanju finančnih pomoči za programe razvoja podeželja in kmetijstva v občini Hrastnik

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

2011: EUR 20 303,00

2012: EUR 20 303,00

2013: EUR 20 303,00

**Intensità massima tal-għajnuna:**

— Investiment fl-azjendi agrikoli: sa 40 % tal-kostijiet eliġibbli, u 50 % fil-każ taż-żoni anqas vantaġġati;

— Konservazzjoni ta' bini tradizzjonali: sa 50 % kofinanzjament tal-kostijiet eliġibbli għall-protezzjoni tal-karattersitiċi ta' patrimonju tal-assi mhux produttivi, sakemm l-investiment ma jinvolvix xi żieda fil-kapaċità produttiva tal-farm;

— Tqassim mill-ġdid tal-art: sa 10 % tal-kostijiet eliġibbli;

— Għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu: sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli;

**Data tal-implimentazzjoni:** Mill-1 ta' Jannar 2011 (jew mid-data ta' estensjoni tal-eżenzjoni tan-notifika għall-iskema ta' għajnuna XA 14/08 u tal-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea, jekk din tkun iktar tard)

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

**Referenza għall-artikoli fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 u l-kostijiet eliġibbli:**

Ir-Regoli dwar l-għoti ta' għajnuna għall-programmi ta' żvilupp rurali u agrikolu fil-muniċipalità ta' Hrastnik (*Pravilnik o dodeljevanju finančnih pomoči za programe razvoja podeželja in kmetijstva v občini Hrastnik* ) inklużi miżuri li jikkostitwixxu l-għajnuna mill-Istat skont l-artikoli li ġejjin tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

— L-Artikolu 4: Investiment fl-azjendi agrikoli

  — kostijiet eliġibbli: kostruzzjoni, akkwist jew titjib tal-proprjetà immobbli;

— Artikolu 5: Konservazzjoni ta' pajsaġġi u bini tradizzjonali

  — kostijiet eliġibbli: investiment għall-konservazzjoni tal-karatteristiċi ta' patrimonju mhux produttivi fl-azjendi agrikoli (siti ta' interess arkeoloġiku jew storiku) u karatteristiċi ta' patrimonju tal-assi produttivi fuq il-farms, bħal pereżempju binjiet tal-farms, sakemm l-investiment ma jinvolvix xi żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-farm;

— Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid tal-art

  — kostijiet eliġibbli: kostijiet legali u amministrattivi;

— Artikolu 15: Għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

  — kostijiet eliġibbli: kostijiet li jikkonċernaw l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bdiewa u l-ħaddiema tal-bdiewa, servizzi ta' konsultazzjoni li ma jikkostitwixxux attività kontinwa jew perjodika, l-organizzazzjoni ta' forums għall-iskambju tal-għarfien bejn il-farms, konkorsi, wirjiet u fieri u parteċipazzjoni f'dawn l-avvenimenti, u pubblikazzjonijiet. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti fi flus lill-produtturi.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-setturi kollha tal-agrikoltura

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Hrastnik
Pot Vitka Pavliča 5
SI-1430 Hrastnik
SLOVENIJA

**Indirizz tal-Internet:**

http://sftp.slovenka.net/o-hrastnik/h/os/pravilnik_kmetijstvo_hrastnik_2007.doc

**Informazzjoni oħra:** Din in-notifika testendi l-iskema ta' għajnuna XA 14/08. L-estensjoni tkopri l-perjodu mill-2011 sal-2013 u tinvolvi baġit totali li jammonta għal EUR 60 909. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-bażi legali jibqgħu bla mittiefsa.

*Podpis odgovorne osebe*

*Župan občine Hrastnik*

Miran JERIČ

---

**Għajnuna Nru:** XA 136/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Sostegno all'interprofessione e iniziative delle organizzazioni dei produttori.

**Bażi legali:** Decreto Ministeriale 26 luglio 2010 n. 11468.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** In-nefqa massima ppjanata hija ta' EUR 1 500 000,00, imqassma bejn l-azzjonijiet li ġejjin:

A. Appoġġ għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali: ammont massimu ta' EUR 400 000,00;

B. Inizjattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ammont massimu ta' EUR 1 100 000,00.

Qed jiġi speċifikat li l-azzjoni A tipprovdi ammont globali ta' EUR 1 000 000,00, li 600 000,00 minnu huma maħsubin għal interventi skont ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-għajnuna tkopri massimu ta' 80 % tal-kost kollu tal-proġett u ma tipprovdix il-possibbiltà ta' ħlasijiet diretti lill-produtturi individwali.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-iskema tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li tkun irċeviet is-sinteżi, permezz ta' irċevuta mmarkata b'numru ta' identifikazzjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:**

L-għajnuna tingħata bejn is-6 ta' Settembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010.

It-twettiq tal-attività għandu jitlesta fi żmien 20 xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tad-Digriet tal-għoti tal-għajnuna min-naħa tal-organu ta' spezzjoni.

**Għan tal-għajnuna:**

Fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fil-"Programma di azione nazionale per l'agricoltura biologica e i prodotti biologici per l'anno 2008-2009" (Programm ta' azzjoni nazzjonali għall agrikultura bijoloġika u l-prodotti bijoloġiċi, għas-sena 2008-2009), l-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati għandhom l-għan li jappoġġaw l-organizazzjonijiet interprofessjonali (li jiffavorixxu l-għarfien tas-sistema ta' produzzjoni agrikola bijoloġika fost l-operaturi fis-settur u l-konsumaturi aħħarin) u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u għarfien, korsijiet ta' taħriġ immirati għall-operaturi bijoloġiċi fis-settur primarju, assistenza teknika li mhijiex ordinarja).

Kull waħda mill-azzjonijiet tifforma parti minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Il-prodotti agrikoli kollha primarji u ta' oriġini bijoloġika.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministero delle politiche agricole alimentari e forestali
Dipartimento delle politiche competitive del mondo rurale e della qualità
Via XX Settembre 20
00187 Roma RM
ITALIA

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.politicheagricole.gov.it/ConcorsiGare

http://www.sinab.it/index.php?mod=documenti_utili&m2id=195&navId=1648

**Informazzjoni oħra:**

Għandha tiġi ppubblikata sinteżi tad-dispożizzjoni li tirregola l-implimentazzjoni tal-għajnuna fil-"*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*" u fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru fil-verżjoni sħiħa tagħha fuq http://www.politicheagricole.it/ConcorsiGare

Fl-istess taqsima se jiġu ppubblikati dokumenti u tagħrif ta' referenza.

---

**Għajnuna Nru:** XA 137/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** Lombardia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Servizio di Assistenza Tecnica agli Allevamenti (SATA) nel territorio della Regione Lombardia.

**Bażi legali:**

L.R. 31/08 — Testo unico delle leggi regionali in materia di agricoltura, foreste, pesca e sviluppo rurale — articoli 13 e 15.

Deliberazione Giunta regionale n. 000334/2010 Servizio di Assistenza Tecnica agli Allevamenti (SATA) nel territorio della Regione Lombardia. Istituzione di un regime di aiuto ai sensi del regolamento (CE) n. 1857/2006.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 4 020 000 fis-sena

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa 100 % tan-nefqa eliġibbli, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mill-1 ta' Jannar 2011

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2015.

**Għan tal-għajnuna:** Għajnuna biex ikunu koperti l-ispejjeż ammissibbli għall-attivitajiet ta' assistenza teknika.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** A1 – Produzzjoni ta' ħxejjex, trobbija tal-annimali, kaċċa u servizzi marbutin magħhom

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Lombardia — DG Agricoltura
Via Pola 12/14
20124 Milano MI
ITALIA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.regione.lombardia.it, clicca di seguito "Settori e politiche", "Agricoltura", "Argomenti", "Aiuti di Stato nel settore agricolo: pubblicazione dei regimi di aiuto"

**Informazzjoni oħra:** —